MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2014

Rikors Numru. 135/2012

**Old Palace Investments Limited**

**Vs**

**Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikors ipprezentat mis-socjetà Old Palace Investments Limited fit-28 ta' Frar 2011 quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud u in segwitu trasferit ghal quddiem dan it-Tribunal, permezz ta' liema titlob li fid-dawl tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u fid-dawl tal-fatt li ma kien hemm l-ebda intenzjoni da parte taghha li tissottometti d-denunzji tat-taxxa taghha tardivament u li tonqos milli thallas it-taxxa fuq il-valur mizjud dovuta minnha, il-penali amministrattivi imposti fuqha mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u l-imghax relattiv jigu mahfura;

Ra d-dokumenti annessi mar-Rikors promotur u ra l-affidavit ta' Martin Wonfor sottomess quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fit-8 ta' Lulju 2011;

Ra r-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) permezz ta' liema jopponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti u jitlob li l-istess tigi michuda, bl-ispejjez kontra taghha, stante li t-talba taghha hija nulla u frivola u fi kwalunkwe kaz hija infondata fil-fatt u fid-dritt u l-ammonti minnu imposti fuqha ghandhom jigu kkonfermati;

Ra d-dokumenti annessi mar-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) markati Dok. "A" sa' Dok. "H" a fol. 19 sa' 36 tal-process;

Sema' x-xhieda ta' Martin Wonfor moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2012[1], ix-xhieda ta' Paul Hili moghtija waqt is-seduti tad-9 ta' Mejju 2013[2] u tas-16 ta' Lulju 2013[3] u x-xhieda ta' Lourdes Briffa in rapprezentanza tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Lulju 2013[4];

Sema' t-trattazzjoni orali da parte tad-difensuri tal-partijiet kontendenti;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

**Ikkonsidra:**

Il-proceduri odjerni jittrattaw dwar penali amministrattivi w imghax fl-ammont komplessiv ta' €30,305.78 li gew imposti fuq is-socjetà Rikorrenti mill-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud u minnha mhallsa *under protest* fit-22 ta' Frar 2011. B'dawn il-proceduri s-socjetà Rikorrenti titlob li *the Board should consider the special circumstances of the case and appreciate that there was absolutely no intention to keep back payments and filing of returns on the due dates and revoke the imposition of the penalties for late returns and interest*. Hija tibbaza t-talba tagha fuq il-fatt li *Martin Wonfor, the director of the appellant company, was in the period just after acquisition of the boat and following registration of the company for VAT purposes for inclusion in the Yacht Leasing Scheme, very upset by the sudden and unexpected diagnosis, in September 2007, of his wife, Madeline Wonfor, with terminal cancer, with no chance of survival beyond two years and predicting death within six to nine months. In fact Madeline Wonfor died on the 1st June 2008. Throughout this period and in the preceding months, Martin Wonfor could not dedicate sufficient attention to the VAT issues regarding the boat and this is the only reason why payments were made late and definitely not due to lack of funds or the reliance on a third party*.

Huwa evidenti li l-procedura adottata mis-socjetà Rikorrenti – u dan kif anke minnha stess ikkonfermat fir-Rikors promotur – hi dik kontemplata fl-Artikolu 44(k) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta: *Jekk tqum xi kwistjoni, li ma tkunx stima, dwar – l-imposizzjoni ta' kull penali amministrattiva, hlief meta imposta bhala rizultat ta' stima, dik il-kwistjoni tista' tigi riferita lit-Tribunal minn kull persuna li turi ghas-sodisfazzjon tat-Tribunal li ghandha interess dirett f'dik il-kwistjoni jew mill-Kummissarju*. Huwa daqstant iehor evidenti li it-talba taghha hija msejsa fuq dak provdut fl-Artikolu 42(1)(a) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta: *Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 37 sa' 41, it-tnejn inkluzi – (a) l-ebda penali amministrattiva ma ghandha tkun dovuta*

[1] Fol. 41 sa' 45 tal-process.
[2] Fol. 48 sa' 51 tal-process.
[3] Fol. 53 sa' 56 tal-process.
[4] Fol. 57 sa' 59 tal-process.

*minn persuna ghal xi nuqqas jekk dik il-persuna turi li jkun hemm skuzanti ragonevoli ghal dak in-nuqqas.*

Id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u llum il-Kummissarju tat-Taxxi[5] jopponi ghat-talba tas-socjetà Rikorrenti in bazi ghall-kontestazzjoni preliminari li t-talba hija nulla peress illi s-socjetà Rikorrenti naqset milli tressaq l-fatti kollha rilevanti ghal din il-kwistjoni hekk kif mitlub fl-Artikolu 5(1) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u in bazi ghall-kontestazzjoni fil-meritu li ghalkemm is-socjetà Rikorrenti hallset it-taxxa dovuta, xorta jibqa' l-fatt li din it-taxxa ma thallsitx fil-hin hekk kif kellu jsir a tenur ta' l-Artikolu 21(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta u li d-denunzji tat-taxxa tas-socjetà gew sottomessi tardivament u ghaldaqstant it-talba taghha fi kwalunkwe kaz hija infondata fil-fatt u fid-dritt.

Qabel ma jittratta l-kwistjonijiet formanti s-suggett ta' dawn il-proceduri t-Tribunal ghal kull buon fini jaghmel referenza ghall-Artikolu 3(3), (4) u (5) ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikabbli llum, li jipprovdu illi *mad-dhul fis-sehh ta' dan l-Att u minkejja kull ligi ohra, il-funzonijiet kollha vestiti fil-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fil-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u fil-Kontrollur tad-Dwana taht l-atti tat-taxxa ghandhom jigu trasferiti lill-Kummissarju* [ossia l-Kummissarju tat-Taxxi] *u jigu ezercitati minnu u kull referenza ghall-Kummissarju tat-Taxxi Interni, ghall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ghall-Kontrollur tad-Dwana f'kull ligi ghandha tinqara u tinftiehem bhala referenza ghall-Kummissarju tat-Taxxi;* (4) *(a) Il-Kummissarju jista', bi qbil bil-miktub tal-Ministru, jiddelega kull funzjoni taht dan l-Att jew taht l-atti tat-taxxa lil kull ufficjal tad-dipartimenti tat-taxxa. (b) Kull delega maghmula taht dan is-subartikolu ghandha tigi pubblikata mill-Ministru b'ordni fil-Gazzetta. (c) Minkejja kull ligi ohra, meta ufficjal ikun gie delegat xi funzjoni mill-Kummissarju taht il-paragarfu (a), l-ufficjal ghandu jkun responsabbli lejn is-Segretarju Permanenti permezz tal-Kummissarju. (d) Il-Kummissarju jista', f'kull zmien, bi qbil mill-Ministru, jiehu lura dawk il-funzjonijiet kollha, jew uhud minnhom, li jkunu gew delegati taht dan is-subartikolu. Avviz dwar it-tehid lura ta' funzjonijiet ghandu jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern. (e) <u>Meta l-Kummissarju jiehu lura funzjonijiet li kienu gew delegati lil persuna ohra taht dan is-subartikolu, huwa jiehu wkoll, minflok dik il-persuna, ir-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern fuq id-dokumenti, l-atti gudizzjarji u l-azzjonijiet kollha maghmula, mibghuta, prezentati, mibdija jew mehuda minn jew f'isem jew kontra dik il-persuna ohra bis-sahha ta' l-imsemmija delega</u>[6];* (5) *Il-Kummissarju ghandu jkollu r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern fid-dokumenti, atti gudizzjarji u azzjonijiet kollha li jkollhom x'jaqsmu mal-gbir ta' taxxa u ma' kull kwistjoni ohra li d-dipartimenti tat-taxxa jkollhom interess fiha, <u>kemm-il</u>*

---

[5] Vide Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta.

[6] Sottolinear tat-Tribunal.

*darba dik ir-rapprezentanza ma tkunx giet delegata skond is-subartikolu (4)*[7].

B' Ordni ta' Delega ta' Funzjonijiet relattiv ghall-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi ippublikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern ta' l-20 ta' Lulju 2012 il-Kummissarju tat-Taxxi kien b'effett mill-20 ta' Jannar 2012 iddelega fost affarijiet ohra r-rapprezentanza giudizzjajra in kwantu rigwarda *inter alia* taxxa li ghandha tingabar taht u kwistjonijiet ohra nascenti mill-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, lid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud). Dak l-Ordni fil-fatt kien jipprovdi illi *skond is-setghat moghtija mis-subartikolu (4) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi bi qbil tal-Ministru responsabbli ghal finanzi, qieghed hawn jiddelega d-drittijiet, id-doveri, is-setghat u l-funzjonijiet, inkluza r-rapprezentanza legali u gudizzjarja tal-Gvern moghtija lilu mis-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-imsemmi Att, hawn aktar 'il quddiem imsejhin "id-drittijiet"*[8]*, kif gej: ... (b) id-drittijiet taht l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-Att dwar l-Eko-Kontribuzzjoni, u kull regolament maghmul tahthom, ghandhom ikunu vestiti fl-ufficjal li minn zmien ghal zmien jokkupa l-kariga ta' Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud). ... Din l-Ordni u d-delegi maghmula tahtha ghandhom issehhu b'sehh mill-20 ta' Jannar 2012...* Bis-sahha ta' tali Ordni ghalhekk kien id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) li kellu jitqies bhala l-Awtorità pubblika intimata f'dawn il-proceduri.

B'Ordni ta' Assunzjoni mill-Gdid ta' Funzjonijiet ippubblikata fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Awwissu 2014, il-Kummissarju tat-Taxxi ha lura id-drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet kollha li huma vestiti fih taht fost ohrajn l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u dana b'effett mis-27 ta' Gunju 2014 u *mill-imsemmija data, id-delega ta' drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet vestiti taht l-Atti u r-regolamenti fuq imsemmija* [fosthom l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud] *li saret bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 711 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern data 3 ta' Lulju 2012 u bin-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 766 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern datata 20 ta' Lulju 2012 qieghda tigi mhassra minghajr pregudizzju ghall-kontinwazzjoni ta' l-effett ta' l-imsemmija Notifikazzjonijiet tal-Gvern ghal dak li ghandu x'jaqsam mad-delega ta' drittijiet, dmirijiet, setghat u funzjonijiet vestiti taht l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji ta' Importazzjoni, l-Att dwar Dazju tas-Sisa, u kull regolament maghmul tahthom u minghajr pregudizzju ghall-validità ta' dak li sar bis-sahha tal-istess Notifikazzjonijiet tal-Gvern qabel id-data effettiva ta' din l-Ordni.*

Minn dak provdut fl-Artikolu 3(4)(e) tal-Kap.517 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-imsemmija Ordni ta' Assunzjoni mill-Gdid ta' Funzjonijiet johrog car li b'effett mis-27 ta' Gunju 2014 il-Kummissarju tat-Taxxi rega' assuma mill-gdid ir-

[7] Sottolinear tat-Tribunal.

[8] Sottolinear tat-Tribunal.

rapprezentanza giudizzjarja tal-Gvern fi proceduri nascenti minn u konnessjoni ma', fost ohrajn, l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u ghalhekk illum huwa l-Kummissarju tat-Taxxi li ghandu jigi kkunsidrat bhala l-Awtorità pubblika intimata f'dawn il-proceduri minflok id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u qablu l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Ghalkemm illum l-Awtorità intimata f'dawn il-proceduri huwa l-Kummissarju tat-Taxxi u mhux iktar id-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) u qablu l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, it-Tribunal iqis li ma hemmx il-htiega li ssir korrezzjoni fl-okkju tal-proceduri stante li a tenur tar-Regolament 2 tar-Regolamenti Dwar l-Ekwivalenza ta' Certi Referenzi ghall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa, Legislazzjoni Sussidjarja 517.01, *il-kliem imnizzel fl-ewwel Kolonna ta' l-Iskeda* [fosthom Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud u Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud)] *ghandu, f'kull att gudizzjarju jew azzjoni gudizzjarja u f'kull kommunikazzjoni notifikata jew indirizzata lil xi dipartiment tat-taxxa u f'kull kommunikazzjoni mibghuta minn xi dipartiment tat-taxxa, jitqies li huwa ekwivalenti u li ghandu l-istess tifsira u effetti legali bhall-kliem imnizzel fl-istess partita fit-tieni kolonna ta' l-Iskeda* [ossia Kummissarju tat-Taxxi] *u dan b'mod illi l-kliem uzat fiz-zewg kolonni ta' l-istess partita ghandu jkollu l-istess tifsira w effett ghall-finijiet kollha tal-Ligi.*

Trattata din il-kwistjoni t-Tribunal ser jghaddi issa biex jittratta t-talba tas-socjetà Rikorrenti fid-dawl ta' l-opposizzjoni sollevata mid-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud), illum il-Kummissarju tat-Taxxi.

In kwantu rigwarda l-opposizzjoni preliminari sollevata mill-Intimat, ossia n-nullità tat-talba tas-socjetà Rikorrenti in kwantu ma gietx minnha sollevata fil-korrispondenza mall-Kummissarju/Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kif mitlub mill-Artikolu 5(1) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, issir referenza appuntu ghall-imsemmi Artikolu li jipprovdi *riferenza lit-Tribunal fuq kull kwistjoni imsemmija fl-artikolu 44 ma tistax issir, sakemm ma tkunx tqajmet f'korrispondenza mal-Kummissarju*[9] *u ghandha ssir bil-mezz ta' rikors bil-miktub li fih ikun hemm imnizzla l-fatti kollha rilevanti ghal dik il-kwistjoni u l-mod kif, fil-fehma ta' l-applikant, dik il-kwistjoni ghandha tigi deciza.* Minn dan il-provvediment tal-Ligi johrog car illi *taxpayer* jista' jirreferi kwistjoni li ghandu mal-Kummissarju tat-Taxxi dwar materja nascenti mill-Ligi dwar it-taxxa fuq il-valur mizjud biss kemm-il darba dik il-kwistjoni tkun giet sollevata mal-Kummissarju permezz ta' korrispodenza izda mhux risolta jew determinata b'mod sodisfacenti ghalih, ossia ghat-*taxpayer*.

Mill-provi prodotti mis-socjetà Rikorrenti, u senjatament mill-ittra ta' Ocean Finance Consultants Limited, ir-rapprezentanti tas-socjetà Rikorrenti ghall-

[9] Sottolinear tat-Tribunal.

finijiet ta' kwistjonijiet pertinenti ghat-taxxa fuq il-valur mizjud, datata 6 ta' Mejju 2010[10], jirrizulta li t-talba taghha sabiex il-penali amministrattivi u imghax relattiv imposti fuqha mill-Kummissarju jigu mahfura kienet ibbazata fuq raguni wahda biss, ossia *the trading activity of the above named Company* [cioè Old Palace Investments Limited] *with foreign shareholders was the leasing of a yacht under the Yacht Leasing Scheme which is very beneficial to Malta. As the Company has settled all Vat due to the Department amounting to Euro 125,256.01, we would be grateful were you to waive the penalties, fines and interest imposed on this Company so that we apply for the Vat Paid Certificate and de-register it from Vat.*

Imkien u qatt ma ssemmiet mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud il-kwistjoni issa avvanzata mis-socjetà Rikorrenti biex tiggustifika t-tardività fis-sottomissjoni tad-denunzji u konsegwenti hlas tat-taxxa dovuta, dwar in-nuqqas ta' jew diffikultà fil-kuntatt bejn Bella Hili ghal Ocean Finance Consultants Limited u Martin Wonfor ghas-socjetà Rikorrenti minhabba problemi serji ta' mard li kellha mart l-istess Wonfor. Lourdes Briffa[11] in rapprezentanza tal-Kummissarju kkonfermat li l-unika kwistjoni mressqa mis-socjetà Rikorrenti quddiem il-Kummissarju ghall-fini ta' mahfra ta' penali amministrattivi w imghax relattiv kienet dik avvanzata fl-ittra tas-6 ta' Mejju 2010, ossia li *as the Company has settled all Vat due to the Department amounting to Euro 125,256.01, we would be grateful were you to waive the penalties, fines and interest imposed on this Company so that we apply for the Vat Paid Certificate and de-register it from Vat.*

Fil-fehma tat-Tribunal dan il-fatt serjament jimpingi fuq il-validità u proponibilità tat-talba tas-socjetà Rikorrenti kif issa minnha impostata ghaliex fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 5(1) tad-Disa' Skeda tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, ossia li *riferenza lit-Tribunal fuq kull kwistjoni imsemmija fl-artikolu 44 ma tistax issir, sakemm ma tkunx tqajmet f'korrispondenza mal-Kummissarju*[12], l-imsemmija socjetà hija prekluza milli tressaq tali referenza ghall-konsiderazzjoni quddiem dan it-Tribunal.

In bazi ghal din ir-raguni biss già jirrizulta li t-talba tas-socjetà Rikorrenti ma tistax tigi milqugha minn dan it-Tribunal.

Fi kwalunwke kaz però u bla pregudizzju ghal dak appena osservat, it-Tribunal xorta wahda ma huwiex affattu konvint li f'dan il-kaz tissussisti skuzanti ragonevoli li tiggustifika n-nuqqasijiet tas-socjetà Rikorrenti vis-a-vis diversi aspetti u disposizzjonijiet tal-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Mill-atti processwali u mill-provi prodotti jirrizulta li l-penali amministrattivi u imghax relattiv imposti fuq is-socjetà Rikorrenti gew imposti minhabba: (i)

---

[10] Anness mar-Rikors promotur.

[11] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Lulju 2013, fol. 57 sa' 59 tal-process.

[12] Sottolinear tat-Tribunal.

registrazzjoni tardiva tas-socjetà Rikorrenti mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud bhala persuna taxxabbli; (ii) sottomissjoni tardiva tad-denunzji tat-taxxa taghha; (iii) korrezzjoni fid-denunzji tat-taxxa sottomessi; u (iv) konsegwenti *short payment* tat-taxxa dovuta. Il-gustifikazzjoni li s-socjetà Rikorrenti tressaq ghal dawn in-nuqqasijiet hija wahda, u cioè li ghal certu perijodu ta' zmien Martin Wonfor ma kienx f'posizzjoni li jiehu hsieb l-affarijiet tas-socjetà Rikorrenti minhabba problemi ta' sahha serji li kellha l-mara tieghu, tant illi f'Gunju 2008 hija mietet, liema sitwazzjoni effettivament wasslet ghal nuqqas ta' kuntatt bejn l-istess Martin Wonfor u Bella Hili bil-konsegwenza li d-denunzji tat-taxxa ma setghux jigu sottomessi u l-pagamenti tat-taxxa dovuta ma setghux jigu effettwati[13].

Filwaqt li t-Tribunal japprezza li Martin Wonfor ghadda minn perijodu difficili hafna u dana b'mod partikolari bejn Settembru 2007 u Gunju 2008, xorta wahda ma jsiqx li din is-sitwazzjoni kienet tikkostitwixxi r-raguni ewlenija ghad-diversi nuqqasijiet tas-socjetà Rikorrenti vis-a-vis dak minnha miltub u mehtieg mill-Ligi dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud.

Mill-affidavit ta' Martin Wonfor jirrizulta li ghall-iskopijiet tal-Yacht Finance Leasing Scheme li ried jibbenefika minnu huwa kellu jikkostitwixxi socjetà kummercjali hawn Malta, ossia s-socjetà Rikorrenti, liema socjetà kellha tigi registrata bhala persuna taxxabbli mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Mid-disposizzjonijiet relattivi ghar-registrazzjoni ta' persuni taxxabbli mad-Diparitment, senjatament l-Artikolu 10 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, kif applikabbli fl-2007, ossia z-zmien rilevanti ghall-kaz in ezami, jirrizulta li ir-registrazzjoni mad-Dipartiment kellha ssehh *mhux aktar tard minn tletin jum mid-data li fiha taghmel provvista b'korrispettiv f'Malta hlief ghall-provvista ezenti minghajr kreditu*[14]. A tenur ta' l-Artikolu 39 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta, persuna taxxabbli li ma tirregistrax mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud entro t-terminu stipulat fil-Ligi tkun soggetta ghall-hlas ta' penali amminsitrattiva hemm kontemplata.

Mill-iskrittura privata datata 13 ta' Frar 2007[15] jirrizulta li s-socjetà Rikorrenti kriet il-yacht *Total Madness* lill-konjugi Wonfor ghal zmien sena b'effett mit-13 ta' Frar 2007 u li f'dik id-data s-socjetà Rikorrenti rceviet il-hlas ta' *Initial Contribution* [*the sum of Lm347,367.50 ... plus VAT payable by the Lessee to the Lessor, on the date of this agreement, equivalent to at least 50% of the value of the yacht*] u l-ewwel skadenza ta' *Lease Payment* [*the sum of Lm31,842 ... plus VAT payable monthly by the Lessee to the Lessor, during the Lease Period*], u mill-applikazzjoni ghar-registrazzjoni tas-socjetà Rikorrenti mad-Dipartiment tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud jirrizulta li d-data tal-bidu ta' l-attività ekonomika tas-socjetà kienet it-13 ta' Frar 2007.

---

13 Vide affidavit ta' Martin Wonfor.

14 Sottolinear tat-Tribunal.

15 A fol. 22 sa' 27 tal-process.

Applikat dak dispost fl-Artikolu 10 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-kaz in ezami ghalhekk jirrizulta li s-socjetà Rikorrenti kellha tapplika ghar-registrazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fi zmien massimu ta’ tletin gurnata mit-13 ta’ Frar 2007 izda, ghal xi raguni inspjegabbli tali registrazzjoni saret biss fl-**4 ta’ Mejju 2007**, id-data tas-sottomissjoni ta' l-applikazjoni ghar-registrazzjoni, ossia ben tlett xhur wara t-terminu entro liema kellha tigi registrata ai termini tal-Ligi.

It-Tribunal jghid li dan sehh ghal raguni inspjegabbli ghaliex apparte l-fatt li fiz-zmien meta s-socjetà Rikorrenti kellha tigi registrata mad-Dipartiment Madeline Wonfor kienet ghadha ma gietx djanjostikata b’cancer, peress illi tali dijanjosi fi kliem Martin Wonfor stess sehhet f’Settembru ta’ l-2007 , Martin Wonfor stess in kontro-ezami ddikjara li ma kienx jaf ir-raguni ghalfejn is-socjetà Rikorrenti giet registrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud f'Mejju 2007 u mhux entro t-terminu stipulat fil-Ligi. In effetti ghall-mistoqsija *Mr. Wonfor, you said that Ms. Bella Hili was available all the time for the company’s services, how can you explain the fact that the company registered for VAT on the 8th May 2007 when it made a lease agreement in February 2007 and basically for the VAT Act there was a late registration of three months and there was a penalty of €2,338 which forms one of these penalties, what was the reason for the company’s late registration?* Martin Wonfor irrisponda *That I can’t explain, I don’t know the answer.*

Mir-Risposta tad-Direttur Generali (Taxxa fuq il-Valur Mizjud) a fol. 14 sa’ 16 tal-process jirrizulta li d-denunzji ta’ taxxa tas-socjetà Rikorrenti ghall-perijodi ta’ taxxa 01.02.07 – 30.06.07; 01.07.07 – 31.08.07; 01.09.07 – 30.11.07; 01.12.07 – 31.12.07; 01.01.08 – 29.02.08; 01.09.08 – 30.11.08; 01.12.08 – 28.02.09 gew sottomessi diversi xhur tard. Id-denunzji ghall-perijodi 01.02.07 – 30.06.07; 01.07.07 – 31.08.07; 01.09.07 – 30.11.07; 01.12.07 – 31.12.07 gew sottomessi fit-22 ta’ Mejju 2008, id-denunzja ghall-perijodu 01.01.08 – 29.02.08 giet sottomessa fit-30 ta’ Mejju 2008, id-denunzja ghall-perijodu 01.09.08 – 30.11.08 giet sottomessa fil-21 ta’ Awwissu 2009 u d-denunzja ghall-perijodu 01.12.08 – 28.02.09 giet sottomessa fil-15 ta’ Lulju 2009, meta a tenur ta’ l-Artikolu 27 tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta’ Malta kif applikabbli fiz-zminijiet rilevanti *kull persuna registrata taht l-Artikolu 10 ghandha taghmel denunzja lill-Kummissarju ghal kull zmien ta’ taxxa sa’ mhux aktar tard mill-hmistax-il jum tat-tieni xahar li jigi wara x-xahar li matulu jintemm iz-zmien ta’ taxxa relattiv*[16].

Frankament mill-provi prodotti u minkejja dak affermat minn Martin Wonfor fl-affidavit tieghu dwar l-istat ta’ sahha ta’ martu, it-Tribunal ma jqisx li hemm gustifikazzjoni sodisfacenti ghat-tardività tas-sottomissjoni tad-denunzji tat-taxxa in kwistjoni.

---

[16] Sottolinear tat-Tribual.

Ghalkemm l-istat ta' sahha ta' Madeline Wonfor certament kien ta' xkiel u tfixkil ghal Martin Wonfor, ma hemm ebda raguni valida ghalfejn id-denunzji ta' taxxa ghall-perijodi ta' taxxa li gew wara l-mewt taghha f'Gunju 2008 gew sottomessi tardivament. Dana johrog car mix-xhieda li Martin Wonfor ta waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2009, fejn afferma li *the problem was that Bella wouldn't release the funds without my say and I think it's the first thing and I have to say that I wasn't exactly in great communications at that time, first of all because of the problems I had with my wife and secondly later on I got involved very heavily in charity in India and consequently I couldn't communicate and it was difficult to get hold of me. So it was much my fault in that respect of not being able to communicate*[17]. Ghalkemm ukoll it-Tribunal jista' japprezza l-impatt li l-mewt ta' Madeline Wonfor kellu fuq Martin Wonfor, b'daqshekk ma jfissirx li Martin Wonfor kien gustifikat f'li liberalment jinjora l-obbligi tas-socjetà Rikorrenti bhala persuna taxxabbli taht is-sistema Maltija tat-taxxa fuq il-valur mizjud, partikolarment meta s-socjetà Rikorrenti kellha rapprezentant lokali fejn jidhlu kwistjonijiet ta' taxxa fuq il-valur mizjud.

In kwantu rigwarda d-denunzji tat-taxxa ghall-perijodi ta' taxxa l-ohra, in partikolari dawk li ghalqu u saru dovuti qabel Novembru 2007, jirrizulta li f'Novembru 2007 – precizament fl-1 ta' Novembru 2007 – Martin Wonfor ghadda cheque lil Bella Hili ghall-valur ta' Lm18,000 pagabbli lill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud b'dana ghalhekk li evidentement id-denunzji tat-taxxa ghal liema kien relattiv dak ic-cheque setghu jigu sottomessi u naturalment it-taxxa relattiva tigi mhallsa. Ghal xi raguni però jidher li l-pagament ghadda ghand id-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fl-2008 wara li Malta dahlet fis-sistema tal-Euro bil-konsegwenza li dak ic-cheque ma giex accettat mid-Dipartiment u kellu jinhareg cheque iehor ghall-valur ekwivlaenti f'Euro bil-konsegwenza ulterjuri li d-denunzji tat-taxxa u pagament relattiv ghaddew biss f'Mejju 2008. Dan in-nuqqas da parte ta' Bella Hili jew Ocean Finance Consultants Limited ma jistghax jitqies bhala gustifikat u konsegwentement ghalhekk ma tirrizulta l-ebda skuzanti ghalfejn il-penali amministrattivi imposti fir-rigward ta' tali nuqqas ghandhom jigu mahfura.

In kwantu rigwarda l-perijodi sussegwenti li bhala fatt *in parte* waqghu fil-perijodu meta Madeline Wonfor kienet marida serjament, jigi osservat li ciò nonostatne tul dak iz-zmien kien hemm kuntatt bejn Martin Wonfor u Bella Hili tant illi skond Martin Wonfor stess huwa ghadda lil Bella Hili c-cheque fl-ammont ta' Lm18,000 fl-1 ta' Novembru 2007 u c-cheque ghall-valur ta' €41,927.72 fl-4 ta' April 2008. It-Tribunal ghalhekk ma jistax jifhem ghalfejn fid-dawl tas-sitwazzjoni li kien jinsab fiha Martin Wonfor dak iz-zmien, hekk kif kien in kuntatt ma' Bella Hili huwa ma hax hsieb li flimkien maghha jindirizza l-kwistjoni dwar is-sottomissjoni tad-denunzji tat-taxxa futuri tas-socjetà Rikorrenti w il-hlas tat-taxxa relattiva proprio biex tigi evitata l-

[17] Sottolinear tat-Tribunal.

possibilità li s-socjetà Rikorrenti tinkorri l-imposizzjoni ta' penali amministrattivi minhabba nuqqas ta' kuntatt bejniethom.

Bl-istess mod it-Tribunal ma jistax jifhem kif Bella Hili jew Ocean Finance Consultants Limited bhala r-rapprezentant tas-socjetà Rikorrenti mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud ma kenitx iktar pro-attiva fir-rwol taghha u taghmel dak kollu li kien fil-possibilità li taghmel biex ta' l-inqas d-denunzji tat-taxxa tas-socjetà Rikorrenti jigu sottomessti fiz-zmien u dana partikolarment fid-dawl tal-fatt li d-dettalji li kellha bzonn biex jintlew id-denunzji johorgu kollha b'mod car mill-iskrittura privata tat-13 ta' Frar 2007. Similment it-Tribunal ma jistax jifhem kif fid-dawl tas-sitwazzjoni li kien fiha Martin Wonfor u tal-fatt li l-kuntatt mieghu kien difficli Bella Hili ma talbitx lil Martin Wonfor, f'dawk l-okkazjonijiet meta effettivament ikkomunikaw bejniethom, biex jipprovdiha b'fondi bizzejjed biex tithallas it-taxxa dovuta mis-socjetà Rikorrenti in konnessjoni mal-kiri tal-yacth.

Mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li wara li gew sottomessi d-denunzji tat-taxxa tas-socjetà Rikorrenti intalbu zewg korrezzjonijiet ta' l-istess denunzji: l-ewwel korrezzjoni intalbet fis-17 ta' Ottubru 2009[18] u t-tieni korrezzjoni intalbet fil-25 ta' Awwissu 2010[19]. Dawn iz-zewg korrezzjonijiet taw lok ghall-imposizzjoni ta' penali amministrattiva fuq is-socjetà Rikorrenti a tenur ta' l-Artikolu 37(1) tal-Kap.406 tal-Ligijiet ta' Malta. La Martin Wonfor ghas-socjetà Rikorrenti u lanqas Paul Hili ghas-socjetà Ocean Finance Consultants Limited ma kienu f'posizzjoni jaghtu raguni ghalfejn kienu mehtiega l-korrezzjonijiet mitluba.

Mistoqsi dwar tali korrezzjonijiet u r-ragunijiet ghall-istess Martin Wonfor semplicement irrisponda *I can't remember it now but I'm sure I was aware at that time*[20] u similment, mistoqsi dwar il-korrezzjonijiet u r-ragunijiet ghall-istess Paul Hili irrisponda *le, dak ghandna l-accountant li jiehu hsiebhom, jiehu hsieb l-accounts u f'dak il-kaz jien ma jidhirlix li d-darba l-ohra kont xehedt fuq din il-bicca xoghol. ... Qed nghidlek li l-accountant taghna huwa disponibbli biex jirrispondi ghal dawn*[21], izda tali accountant qatt ma tressaq mis-socjetà Rikorrenti biex jispiega r-raguni ghalfejn kienu mehtiega l-korrezzjonijiet u dana meta fl-ahhar mill-ahhar hija proprio s-socjetà Rikorrenti li ghandha l-oneru li tipprova li hemm skuzanti ragonevoli in bazi ghal liema ghandha tigi mahfura l-penali amministrattiva imposta fuqha.

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li thares minn fejn thares lejn it-talba tas-socjetà Rikorrenti din tirrizulta ghal kollox ingustifikata u ghaldaqstant ma jisthoqqx li tigi milqugha.

---

[18] Dok. "B" a fol. 20 tal-process.
[19] Dok. "F" a fol. 33 tal-process.
[20] Xhieda moghtija waqt is-seduta tad-29 ta' Ottubru 2012.
[21] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-16 ta' Lulju 2013.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi jichad it-talba tas-socjetà Rikorrenti.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà Rikorrenti.

A tenur ta' l-Artikolu 5(3) tad-Disa' Skeda tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta t-Tribunal jordna li kopja ta' din id-decizjoni tigi notifikata ls-socjetà Rikorrenti u lill-Kummissarju tat-Taxxi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------